



Brussell, 9 ta' Frar 2026
(OR. en)

5246/26

LIMITE

CORLX 32
CFSP/PESC 42
CSDP/PSDC 17
MAMA 11
CONUN 9
CSC 28
EUMC 12
ATALANTA 2
ASPIDES 3

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583
dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea
biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar
(EUNAVFOR ASPIDES)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Jannar 2024, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) adotta r-Riżoluzzjoni 2722 (2024), li tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-attakki mill-Houthis fuq bastimenti merkantili u kummerċjali, filwaqt li tenfasizza l-importanza tal-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet tan-navigazzjoni fil-Baħar l-Aħmar mill-bastimenti tal-Istati kollha, inkluż għall-bastimenti merkantili u kummerċjali li jgħaddu mill-Istrett ta' Baab al-Mandab, f'konformità mal-liġi internazzjonali, tesiġi li l-Houthis immedjatament iwaqqfu l-attakki kollha bħal dawn, taferma li l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet tan-navigazzjoni minn bastimenti merkantili u kummerċjali, f'konformità mal-liġi internazzjonali, irid jiġi rrispettat, u b'kont meħud tad-dritt tal-Istati Membri tan-NU, f'konformità mal-liġi internazzjonali, li jiddefendu l-bastimenti tagħhom minn attakki, inkluż dawk li jdgħajfu d-drittijiet u l-libertajiet tan-navigazzjoni.
- (2) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583¹ li stabbiliet l-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).
- (3) Fid-19 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/632², li nediet l-EUNAVFOR ASPIDES b'mandat sat-18 ta' Frar 2025.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/632 tad-19 ta' Frar 2024 li tniedi l-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2024/632, 20.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/632/oj>).

- (4) Fl-14 ta' Frar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/334³, li estendiet l-EUNAVFOR ASPIDES sat-28 ta' Frar 2026.
- (5) Fis-26 ta' Novembru 2025, fil-kuntest tar-rieżami strateġiku tal-EUNAVFOR ASPIDES u tal-valutazzjoni strateġika tal-EUNAVFOR ATALANTA, il-Komitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-EUNAVFOR ASPIDES tiġi estiża sat-28 ta' Frar 2027.
- (6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/334 tal-14 ta' Frar 2025 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) (ĠU L, 2025/334, 17.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/334/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/583 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9, jiddied il-paragrafu li ġej:

“4. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-kostijiet komuni tal-EUNAVFOR ASPIDES għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2026 sat-28 ta' Frar 2027 għandu jkun ta' EUR 14 917 600. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 0 % għall-impenji u 0 % għall-pagamenti.”

(2) fl-Artikolu 11, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. L-EUNAVFOR ASPIDES għandha tintemm fit-28 ta' Frar 2027.

3. FI-2026/27 għandu jitwettaq rieżami strateġiku tal-EUNAVFOR ASPIDES.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President